

Mexxej tal-Grupp tal-Akkwist

Unità: Ġestjoni u Koordinazzjoni tar-Riżorsi

Referenza: ECDC/AD/2018/RMC-GLP

Qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq ta' Aġent Temporanju fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg ser jirrapporta għand il-Kap tat-Taqsima tas-Servizzi Legali u tal-Akkwist.

Huwa/hija ser ikun/tkun responsabbli, b'mod partikolari, għall-oqsma li ġejjin:

- L-ippjanar u s-sorveljanza tax-xogħol tal-Grupp tal-Akkwist;
- L-iżgurar ta' appoġġ lejn akkwist ta' kwalità għolja lill-unitajiet, lit-taqsimiet u lill-programmi tal-mard tal-ECDC;
- L-għoti ta' pariri u appoġġ lill-manigiers tal-proġetti u l-uffiċjali ta' awtorizzazzjoni fil-qasam tal-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti, inkluż pariri dwar l-istrateġija ta' esternalizzazzjoni l-aktar adegwata f'konformità mal-qafas legali u proċedurali u l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda;
- L-ixprunar ta' evalwazzjoni, standardizzazzjoni u titjib kontinwi ta' pjanijiet ta' akkwist, proċessi, proċeduri, metodi ta' ħidma u għodod sabiex jiġi żgurat akkwist effiċjenti u effettiv fl-ECDC kollu sabiex b'mod effiċjenti jintlaħqu l-oġġettivi u l-prijoritajiet li jinbidlu;
- Il-kordinazzjoni u r-reviżjoni ta' fajls sottomessi lill-Kumitat taċ-Ċentru dwar l-Akkwisti, Kuntratti u Għotjiet (CPCG) fid-dawl tal-konformità tagħhom mar-regolamenti applikabbli;
- Il-ġestjoni diretta tal-persunal tal-Grupp, inkluż ġestjoni tal-prestazzjoni;
- Il-kollaborazzjoni ma' korpi ta' awditjar/kontroll interni u esterni;
- Il-kontribut lejn il-ħolqien ta' pjanijiet ta' taħriġ tal-akkwist u l-kontribut lejn it-taħriġ u attivitajiet oħrajn ta' sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-akkwist;
- Il-kontribut lejn attivitajiet oħra tal-ECDC kif meħtieġ, fil-qasam tal-kompetenza tiegħu/tagħha.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli trid tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin, attestati b'diploma¹;
- Għarfien profond ta' waħda mil-lingwi tal-Komunitajiet u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Komunitajiet sal-limitu meħtieġ għat-twertiq tad-dmirijiet tiegħek²;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Tkun intitolat(a) għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)³;
- Tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-ligijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament kapaċi li twettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

B. Kriterji tal-għażla

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna kriterji essenzjali fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Tal-inqas 5 snin ta' esperjenza professjonali (wara l-għoti tad-diploma), li minnhom tal-inqas 3 snin ta' esperjenza professjonali fit-twertiq ta' kompiti ta' akkwist pubbliku u ġestjoni tal-kuntratti rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjeg fis-servizz ta' istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni Ewropea, jew f'organizzazzjoni internazzjonali, jew f'korp nazzjonali li jwettaq l-akkwist;
- Għarfien u fehim tajjeb ħafna tar-regolamenti finanzjarji tal-UE u standards ta' kontroll intern tal-istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi Ewropej, jew oqfsa leġiżlattivi ekwivalenti;
- Esperjenza mixhuda fil-ġestjoni ta' tim;
- Livell eċċellenti tal-Ingliš, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Kapaċità li timmotiva, torganizza, tikoordina u timmaniġġja xogħol u responsabbiltajiet ta' membri tat-tim
- Orjentazzjoni eċċellenti fir-rigward tal-klijenti u tas-servizz;
- Approċċ orjentat lejn is-soluzzjoni u mod proattiv ta' kif taħdem;

¹ Ser jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija

² Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal jenħtieġ li jkollhom għarfien operattiv ta' tleat lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

³ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul ser jintalab jipprovi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li m'għandux kondotta kriminali.

- Fila eċċellenti li taħdem b'mod kollaborattiv u li tibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- Attenzjoni għad-dettall u tagħmel ħiltek biex tikseb l-aqwa kwalità;
- Kapaċità kbira li taħdem taħt pressjoni u fi ħdan skadenzi stretti;
- Ffiliet eċċellenti ta' ppjanar, koordinazzjoni u tfassil ta' prijoritajiet.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjeg

Il-persuna impjegata ser tintgħażel abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati jenħtieġ li jinnotaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni tagħhom fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel ser jiġi rekrutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra ser tkun fil-grad **AD 5**.

L-applikanti jenħtieġ li jinnotaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal ġdid kollu li għandu jtemm il-perjodu ta' prova b'suċċess.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

http://ecdc.europa.eu/en/aboutus/jobs/Documents/Staff_Regulations_2014.pdf

Il-post tal-impjeg ser ikun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinholq lista ta' riżerva u din tista' tintuża għar-reklutaġġ, fil-każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din ser tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Proċedura ta' applikazzjoni

Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil Recruitment@ecdc.europa.eu u fis-suġġett tal-email indika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida, għandek timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li għandha tintbagħat fil-format ta' Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż⁴. Applikazzjonijiet mhux mimlija għalkollox jitqiesu bħala mhux validi.

Il-formola ta' applikazzjoni tal-ECDC tinsab fuq is-sit web tagħna hawnhekk:

⁴ Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa tal-ħidma ta' kuljum tal-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess tar-reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.